II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/178/PESK

tal-25 ta' Frar 2013

dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mali dwar l-istatus fir-Repubblika tal-Mali tal-missjoni miltari tal-Unjoni Ewropea sabiex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) u (6) tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra ddatata l-24 ta' Diċembru 2012, il-President tar-Repubblika ta' Mali indirizza ittra ta' stedina lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ) li biha laqa' l-iskjerament ta' missjoni militari ta' taħriġ tal-UE f'Mali.

(2) Fis-17 ta' Jannar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/34/PESK [1] dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali);

(3) L-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni 2013/34/PESK jipprovdi li l-istatus ta' unitajiet u persunal immexxija mill-UE ta' EUTM Mali, inklużi l-privileġġi, l-immunitajiet u l-garanziji ulterjuri meħtieġa għat-twettiq u l-funzjonament bla xkiel tal-missjoni tagħhom, għandu jkun is-suġġett ta' ftehim konklużi skont l-Artikolu 37 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(4) B'segwitu għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni mill-Kunsill fis-17 ta' Jannar 2013 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati, ir-RGħ f'konformità mal-Artikolu 37 TUE nnegozja Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mali dwar l-istatus fir-Repubblika tal-Mali tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea sabiex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) ("il-Ftehim").

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa għat-TUE u għat-TFUE, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Id-Danimarka ma tipparteċipax fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk ma tipparteċipax fil-finanzjament ta' din il-missjoni.

(6) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mali dwar l-istatus fir-Repubblika tal-Mali tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea sabiex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbot l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

S. COVENEY

[1] ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19.